**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Frar 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 105/2024 BS**

**Joseph u Rita konjuġi Mejlak**

**-vs-**

**Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi illi ppremettew:**

Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha Rita Mejlak (karta tal-identita' numru 23664 (G)) tikkonferma-

Illi l-attur Joseph Mejlak twieled fis-sittax (16) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u disgha u hamsin (1959) u dank if jirrizulta mic-certifikat tat-twelid bin-numru progressiv mija u sebgha u ghxorin tas-sena elf disa mija u

disgha u hamsin (127/1959) li kopja tieghu qed tigi annessa bhala Dokument 'A';

Illi kif jirrizulta minn dan ic-cetifikat tat-tweiid I-kujom tal-genituri tieghu Angelo u Pauline kien 'Meilak' u ghalhekk il-kunjom tal-attur Joseph huwa Meilak statne li dan ha I-kunjom tal-genituri tieghu;

Illi nonostante dan meta I-attur izzewweg liil-attrici Rita Mejtak ghal xi raguni I-kunjom tieghu gie mnizzel 'Mejlak' flok dak li ha fit-twelid tieghu u cioe' 'Meilak';

Illi dan jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg tal-atturi li kopja tieghu qed tigi annessa bhala Dokument B u liema certifikat taz-zwieg ghandu in-numru progressiv sittin tas-sena elf disgha mija u wiehed u tmenin (60/1981);

Illi per konsegwenza I-attrici Rita Mejlak hadet il-kunjom b' dan I-izball u I-atturi jridu li jkun hemm ilkorrezzjoni tal-kunjom fic-certifikat taz-zwieg taghhom biex minn 'Mejlak' jigi jaqra 'Meilak';

Illi dan qed jintalab ghaliex sa miz-zwieg tat-atturi sallum, u cioe' aktar minn erbghin (40) sena huma dejjem kienu qed juzaw il-kunjom 'Meilak' izda issa I-Agenzija Identita' jridu li I-attrici tuza I-kunjom kif hemm fic-certifikat taz-zwieg u cioe' it-kunjom bl-izbalt;

Illi bla dubju li dan ser joholqilha diffikulta' u ghalhekk I-atturi jridu li ssir din il-korrezzjoni;

Illi ghaldaqstant hemm 10k illi ssir korrezzjoni fl-Att taz-Zwieg tat-esponenti sabiex dan I-izball jigi kkoregut, u huwa ghalhekk illi qieghda ssir din it-talba;

**Talbu għalhekk lill din il-Qorti:**

1. Tiddikjara illi I-Att taz-Zwieg tal-Atturi li jgib in-numru progressiv sittin tas-sena elf disgha mija u wiehed u tmenin (60/1981) jikkontjeni zball kif fuq spjegat; u konsegwentement

2. Tordna illi I-istess Att ta t Zwieg jigi kkorregut billi fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom ir-Ragel Mizzewweg' I-isem u kunjom 'Joseph Mejlak' ghandu jigi sostitwit bl-isem u kunjom "Joseph Meilak" u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kap 16 tat-Ligijiet ta' Matta u dan biex jigu evitati kumplikazzjonijiet legali li jistghu jinqalghu aktar l' quddiem;

3. Konsegwentament tordna li allura I-kunjom taz-zwieg tal-attrici Rita Mejlak jibda jaqra Rita Meilak stante li din fiz-zwieg hadet il-kunjom ta' zewgha u din il-korrezzjoni issir fl-atti I-ohra kollha relattivi u sussegwenti ghaz-zwieg tal-atturi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta tad-Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex illi eċċepixxi:**

1. Illi in limine litis huwa meħtieġ li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas ħmistax il-ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponenti mhux qiegħed jopponi għat-talba tar-rikorrenti u għalhekk qiegħed jirremetti ruħu għas-salv ġudizzju ta' din I-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla ħsara għall-premess, fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrenti, fejn qed jintalab li t-tibdil rikjest jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili ieħor relattiv għall-istess Allison Portelli, qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir biss f'dawk 1-Atti tal-lstat Ċivili relattivi għall-persuna, u fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, **liema atti jridu jiġu ndikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom**. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandhom jispeċifikaw liema huma dawn 1-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

4. Illi nonostante, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe każ 1-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tat l-esponenti u kwindi hu m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti ppreżentati mill-atturi annessi mar-rikors ġuramentat.[1] Fliet ukoll l-atti tal-kawża.

Rat illi fil-11 ta' Diċembru, 2024 il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tal-31 ta' Jannar, 2025.[2]

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex.[3]

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern.[4]

Rat li fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 2025 l-kawża ġiet differita għas-sentenza għall-lum.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-atturi kif indikat fir-rikors ġuramentat qed jagħmlu din it-talba ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.

Huma jgħidu li r-raġel u ċioe l-attur jiġi iben Angelo u Pauline konjuġi Meilak u li għalhekk huwa ġie reġistrat b'dak il-kunjom fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu. Minkejja dan iżda meta l-attur iżewweġ lill-attriċi kunjomu ġie mniżżel bħala "Mejlak" u mhux kif jidher fiċ-ċertifikat tat-twelid. L-atturi jkomplu jgħidu li riżultat ta' dan l-iżball l-attriċi spiċċat b'kunjomha "Mejlak" minflok "Meilak". L-atturi jgħidu wkoll li kienu kostretti jagħmlu din il-kawża billi l-Aġenzija Identità issa trid lill-attriċi

[1] A fol 4 u 6 tal-proċess
[2] A fol 9 tal-proċess
[3] A fol 16 tal-proċess
[4] A fol 14 u 15 tal-proċess

tuża il-verżjoni tal-kunjom hekk kif  tirriżulta fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ meta fil-fatt hija dejjem kienet qed tuża il-verżjoni li tirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid ta' żewġha. Huma jinsistu li l-verżjoni korretta hija dik li tinsab fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-attur u għalhekk qed jitolbu l-korrezzjoni tal-kunjom "Mejlak" kif tidher fl-att taż-żwieġ biex tiġi "Meilak" bħal dik fl-att tat-twelid ta' l-attur.

Kif diġa nnotat din il-Qorti jirriżulta mill-atti li d-debita pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 saret.

Illi mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar li kunjom ta' l-attur fiċ-ċertifikat tat-twelid kien "Meilak" u mbagħad sar l-iżball fiċ-ċertifikat taż-żwieġ u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet  attriċi huma mistħoqqa u dan għar-raġunijiet ġia mogħtija.

Billi ma jirriżultax xi tort mill-atturi allura dawn m'għandhomx ibatu l-ebda spejjeż.

**Deċide.**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u :

1. Tiddikjara illi I-Att taz-Żwieġ tal-Atturi li jġib in-numru progressiv sittin tas-sena elf disgħa mija u wieħed u tmenin (60/1981) fih żball;

2. Tordna illi l-istess Att taż-Żwieġ jiġi kkorreġut billi fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom ir-Raġel Miżżewweġ' isem u kunjom 'Joseph Mejlak' għandu jiġi sostitwit bl-isem u kunjom "Joseph Meilak" u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kap 16 tat-Liġijiet ta' Malta;

3. Tordna li l-kunjom taż-żwieġ tal-attriċi Rita Mejlak jibda minn issa 'l quddiem jaqra "Rita Meilak" u dan fid-dawl li hija fiż-żwieġ ħadet kunjom żewġha.

L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenut.

(ft) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft) Jenna Mizzi

D/Registratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur